MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 53/2007/1

**Carmel Attard**

**Vs**

**Joseph Attard, Marisa Muscat, John Attard u Sika Attard**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-9 ta' Mejju 2007 fejn l-attur ippremetta li:-

1. L-attur flimkien mal-konvenuti l-ohra huma lkoll ulied tal-mejtin Francis u Dolores konjugi Attard.
2. Dolores Attard mietet nhar il-2 ta' Dicembru 1978 intestata u s-successjoni taghha giet denunzjata skond il-ligi, u minfejn jirrizulta illi wirtuha l-kontendenti flimkien u ndivizament bejniethom fi kwota ta' kwint (1/5) kull wiehed.

3. Francis Attard miet fit-22 ta’ Gunju, 2004 u rregola s-successjoni tieghu b’testment li sar fit-22 ta’ Settembru 1983 fl-atti tan-nutar Dr Paul Pullicino u iehor tad-29 ta’ Novembru 2002 fl-atti tan-Nutar Dr Paul George Pisani.
4. Francis Attard ghogbu jiddisponi permezz ta’ diversi legati mill-propjeta’ anke li kienet gia ddevolviet fuq uliedu u cioe’ dik li qabel ma mietet martu kienet parafernali ta’ martu u/jew huwa kien jipposjedi flimkien ma’ martu.
5. Peress li fit-testment tad-29 ta’ Novembru, 2002 ordna li jekk xi hadd minn uliedu ma joqghodx ghad-disposizzjonijiet testamentarji tieghu kemm prezenti kif ukoll kontenuti fit-testment precitat, huwa/hija ghandu jiddekadi minn kull beneficcju lilu mholli u jiehu biss il-legittima spettanti bil-Ligi.
6. Peress illi l-legittima ghar-rigward tal-wirt tal-missier tispetta lill-attur anke skond id-diposizzjonijiet tal-ligi.
7. L-attur jixtieq li jiehu sehem ommu bhala werrieta fi kwinta (1/5) parti skond kif jispetta lilu skond il-ligi u l-legittima da parti ta’ sehem il-missier.
8. Ghalkemm il-konvenuti gew debitament interpellati diversi drabi u b’diversi modi sabiex jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt fuq imsemmi l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur qieghed jitlob lill-Qorti sabiex:-

1. tillikwida l-assi ereditarji tal-mejta Francis u Dolores konjugi Attard billi tiddikjara li dawn l-assi ereditarji jikkonsistu fil-proprjetajiet imsemmija fl-anness Dokument L (liema propjeta’ parti minnha pproveniet mill-eredita’ ta’ Salvatore Attard Dok M).
2. tiddividi l-istess assi hekk likwidati u cioe’ billi;
- tassenja kwint (1/5) f’sehem shih mill-wirt ta’ l-omm lill-attur;
- tassenja legittima skond il-ligi lill-istess attur mill-wirt tal-missier;

3. tinnomina perit ghal-likwidazzjoni mehtiega, Nutar Pubbliku Malti sabiex jippublika l-att opportun u kuraturi ghall-eventwali kontumaci.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Joseph Attard, Marisa Muscat u Sika Attard prezentata fit-8 ta' Gunju 2007 (fol. 57) fejn iddikjaraw:

1. Fl-ewwel lok ir-rikorrent ghandu qabel xejn jispjega ghaliex qieghed jitlob il-legittima mill-wirt tal-missier, Francis Attard.
2. Fi kwalunkwe kaz, talba ghal-legittima hija nsostenibbli, stante li r-rikorrent ormai ghamel atti ta' eredi, u ssoggetta ruhu volontarjament ghar-rieda tal-missier Francis Attard, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghal-legittima mhix proponibbli in kwantu r-rikorrent ma talabx dikjarazzjoni li huwa ddekada mill-beneficcji mhollija lilu bit-testment ta' missieru, Francis Attard.
4. Ghal dak li jirrigwarda l-wirt ta' omm il-kontendenti, Dolores Attard, il-kwint (1/5) spettanti lir-rikorrent, u lill-kontendenti l-ohra kull wiehed u wahda minnhom, ghandu jigi kalkolat fid-dawl ta' u tenut kont tal-legati imhollija mill-missier fit-testment tieghu.
5. Inoltre l-eccipjenti ghandhom, kif dejjem kienu, disposti li jaqsmu l-wirt tal-genituri taghhom skond il-ligi u skond it-testamenti relativ, izda mhux kif qieghed jippretendi r-rikorrent, u ghalhekk m'ghandhom ibatu ebda spejjez.
6. Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz jaghtu lok ghall-prezentata ta' kontro-talba, u l-eccipjenti qieghdin jipprevalixxu ruhhom minn dina r-risposta sabiex jippresentaw id-debita kontro-talba taghhom;
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat il-kontro-talba tal-intimati rikonvenzjonati Joseph Attard, Marisa Muscat u Sika Attard fejn jesponu illi:-

1. Il-kontendenti, kif inghad, huma ahwa, ilkoll ulied il-mejtin Francis u Dolores Attard.
2. Li omm il-kontendenti ma hallietx testmenti, filwaqt li l-missier halla diversi, li minnhom pero' huma applikabbli biss tnejn, ossia dak tat-22 ta' Settembru 1983 u dak tad-29 ta' Novembru 2002.

3. Li ghalhekk il-wirt ta’ Dolores Attard ghandu jinqasam bejn il-kontendenti fi kwoti indaqs bejniethom ta’ kwin (1/5) kull wiehed u wahda minnhom.
4. Li skond l-imsemmija testmenti, u precizament dak tat-2 ta’ Settembru 1983, Francis Attard ukoll halla lill-kontendenti eredi tieghu fi kwoti indaqs ta’ kwint ( 1/5) kull wiehed u wahda minnhom.
5. Li bl-istess testment, l-imsemmi Francis Attard halla diversi pre-legati lill-kontendenti, uhud fuq propjeta tieghu, ohrajn fuq propjeta tal-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejnu u bejn martu Dolores Attard, u ohrajn li jikkoncernaw propjeta li kienet tappartjeni esklussivament lill-martu;
6. Li kull fejn applikabbli, d-decujus iddikjara esplicitament li huwa kien konxju li l-oggett tal-legat mhux propjeta tieghu.
7. Li *de facto* l-kontendenti kollha accettaw dawn il-legati, tant illi ilhom fil-pussess taghhom ghal diversi snin. B’mod partikolari r-rikorrent rikonvenzjonat qieghed izomm propjeta imhollija lilu b’tali legati, bhala tieghu, tant li addrittura zviluppaha.
8. Ghalhekk tali legati huma validi u applikabbli, in kwantu accettati minghajr ebda rizerva mill-kontendenti, u ghandhom kwindi jigu assenjati lill-kontendenti in esekuzzjoni tar-rieda ta’ Francis Attard.
9. Ghalhekk il-proprjetajiet milquta b’dawn il-legati ma jistghux jitqiesu parti mill-assi tal-Dolores Attard, u ghandhom kwindi jigu estratti minn dan l-asse fil-likwidazzjoni tieghu.
10. Il-kontendenti ghad iridu jigu mmessi formalment fil-pussess tal-legati mhollija lilhom bit-testment tal-missier.
11. Li apparti l-legati surriferiti, il-kontendenti huma lkoll eredi tal-genituri taghhom fi kwoti ndaqs bejniethom ta’ kwint (1/5) kull wiehed u wahda minnhom.
12. Il-konvenuti talbu l-qsim ta’ dawn l-ereditajiet f’dan is-sens, izda l-attur qieghed jirrifjuta li jikkopera stante li qieghed jippretendi l-legittima mill-wirt tal-missier u 1/5 mill-wirt kollu tal-omm.

Ghalhekk il-konvenuti jitolbu lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara fl-ewwel lok li t-testmenti tat-22 ta' Settembru 1983 u dak tad-29 ta' Novembru 2002, u maghmula mill-missier Francis Attrard, bhala validi fl-intier taghhom ai fini u effetti kollha tal-ligi.
2. Tordna li l-kontendenti jigu lkoll immessi fil-pussess tal-legati/pre-legati mhollija lilhom bis-sahha tat-testment tat-22 ta' Settembru 1983, u ghal dan il-ghan tiffissa gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-att relattiv, tinnomina nutar sabiex jircievi l-istess att, kif ukoll tahtar kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.
3. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwist gja ezistenti bejn il-konjugi Attard, billi tiddikjarah konsistenti f'dawk is-sostanzi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, dedott dawk il-propretajiet li thallew b'titolu ta' legat/pre-legat, kif inghad aktar 'il fuq, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.
4. Tiddividi l-assi hekk likwidati f'zewg porzjonijiet ugwali, u tassenjahom, wahda lill-assi partikolari ta' Francis Attard, u l-ohra lill-assi partikolari tal-mejta Dolores Attard.
5. Tillikwida l-assi partikolari ta' Francis Attard billi tiddikjarah konsistenti fil-porzjoni hekk assenjata, u f'dawk is-sostanzi l-ohra li jirrizultaw tieghu waqt it-trattazzjoni tal-kawza, dedott dik il-propjeta tieghu li thalliet b'titolu ta' legat/pre-legat, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.
6. Tillikwida l-assi partikolari ta' Dolores Attard billi tiddikjarah konsistenti fil-porzjoni hekk assenjata, u f'dawk is-sostanzi l-ohra li jirrizultaw taghha waqt it-trattazzjoni tal-kawza, dedott dik li propjeta taghha li thalliet b'titolu ta' legat/pre-legat, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.
7. Tiddividi l-assi ta' Francis Attard f'hames (5) partijiet ugwali ta' kwint (1/5), sabiex jigu assenjati lill-kontendenti kull wiehed u wahda minnhom; okkorrendo b'ekwiparazzjoni xierqa, fejn dan ma jkunx possibbli.
8. Tiddividi l-assi ta' Dolores Attard f'hames (5) partijiet ugwali ta' kwint (1/5), sabiex jigu assenjati lill-kontendenti kull wiehed u wahda minnhom, okkorendo b'ekwiparazzjoni xierqa, fejn dan ma jkunux possibbli.
9. Tiffissa gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-att relattiv, tinnomina nutar sabiex jircievi l-istess att, kif ukoll

tahtar kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-28 ta' Gunju 2010 ghall-kontro-talba tal-konvenuti (fol. 71) fejn gie dikjarat illi:

1. Tezisti konfuzjoni fejn filwaqt li konvenuti jammettu illi ommhom Dolores Attard mietet intestata, kif ukoll jaqblu illi kull wiehed ghandu kwota ta' kwint indiviz mill-wirt ta' ommhom Dolores Attard, l-istess konvenuti hawn fuq indikati ma humiex lesti li jaqsmu ta' ommhom f'porzjonijiet ugwali ta' kwint kull wiehed.
2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, it-testment ta' Francis Attard qatt ma jista' jkun ikkunsidrat fl-interita' tieghu u fi kwalsiasi kaz il-legati hemm imhollija qatt ma jistghu jkunu kkunsidrati bhala validi. Dana stante li l-istess testment ta' missierhom Francis Attard mhuwiex ghajr huwa serje impressjonanti u interminabbli ta' legati ta' propjeta' ta' terzi (*legato di cosa altrui*).
3. Fit-tielet lok l-istess konvenuti qeghdin jippretendu illi l-legaratji jigu mmessi fil-pussess ta' proprjeta' li tappartjeni lil terzi u dana minghajr ma' dawn it-terzi jigu kkumpensati l-valur reali tal-propjeta' taghhom kif ukoll minghajr ma hemm il-bzonn li tali persuni jaghtu l-kunsens taghhom ghat-trasferment tal-propjeta' appartenenti lilhom.
4. L-attur Carmel Attard, hekk kif ser jigi ppruvat matul il-kawza qatt ma' okkupa kwalsiasi propjeta' mhollija lilu bhal legat. Mhux talli hekk, izda l-istess Carmel Attard qed jokkupa art appartenenti lil ommu li l-istess Dolores Attard <u>waqt hajjita u bil-kunsens taghha</u> kienet tat permess lil binha Carmel Attard sabiex jizviluppaha u jaghmel hemmhekk id-dar tar-residenza tieghu b'mod illi kwalsiasi okkupazzjoni saret snin qabel ma miet Francis Attard u thallew 'l hekk imsejjha legati.
5. Finalment l-istess Carmel Attard qatt ma kellu problema ssir il-qasma bir-rizerva pero' li jinghata lilu dak li jispetta lilu skond il-ligi.
6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-konvenut John Attard ghalkemm notifikat bl-atti baqa' ma wegibx.

Rat is-sentenza parzjali li nghatat fil-21 ta' April 2008 (fol. 120).

Rat ir-rapport tal-perit tekniku Alan Saliba u l-perit legali Dr Paul Cachia (fol. 171).

Rat l-atti kollha.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li fis-seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta' Settembru, 2010.

Rat li fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2010 il-kawza giet differita ghall-istess skop ghas-seduta tat-22 ta' Dicembru, 2010.

Rat li fis-seduta tat-22 ta' Dicembru, 2010 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' April, 2011.

Rat li is-seduta tad-29 ta' April, 2011 giet differita peress li l-Magistrat sedenti gie elevat ghall-Imhallef u ghalhekk il-kawza giet differita ghall-25 ta' Mejju, 2011.

Rat li s-seduta tal-25 ta' Mejju, 2011 giet differita ghas-6 ta' Lulju, 2011.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2011 id-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Marzu, 2012.

Rat li fit-2 ta' Marzu, 2012 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti fil-qosor huma dawn:-

i. Il-kontendenti huma wlied Francis u Dolores Attard.

ii. Dolores Attard mietet intestata fit-2 ta' Dicembru 1978.
iii. Francis Attard miet fit-22 ta' Gunju 2004. Il-wirt tieghu hu regolat mit-testmenti li ghamel fit-22 ta' Settembru 1983 fl-atti tan-Nutar Dr Paul Pullicino (fol. 19) u fid-9 ta' Novembru 2002 fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani (fol. 32).
iv. L-attur irrinunzja ghall-wirt ta' missieru permezz ta' nota li pprezenta fid-9 ta' Mejju 2007 quddiem il-qorti volontarja[1].

2. Ikun utli li ssir sintezi ta' dak li ordna t-testatur Francis Attard u li hu rilevanti ghall-ezitu ta' din il-kawza:-

**<u>Testment 22 ta' Settembru 1983 atti nutar Dr Paul Pullicino</u>**

a. Prelegat lil Ursola sive Sica Attard -

- Dar numru 62 u 64, Triq San Bartholomew, Xewkija, Ghawdex u l-oggetti kollha nkluz deheb, metall u hagar prezzjuz u flus kontanti. Iddikjara li jaf li d-dar tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti bejnu u martu.
- Porzjoni art ta' cirka 374 metri kwadri li qeghda f'Racecourse Street, Xewkija, Ghawdex.

It-testatur iddikjara li dan hu legat rimuneratorju.

b. Prelegat lil Ursola u Marisa Muscat ahwa Attard –

- Terran bin-numru 7, Valley Road, Marsalforn, Ghawdex.

Iddikjara li l-fond kien proprjeta' ta' martu.

c. Prelegat lil Marisa Muscat –

- 42, Race Course Street, Xewkija, Ghawdex.
- Nofs tomna raba' maghrufa ta' Gwannija, Xewkija.

d. Prelegat lil John Atard –

- Fond Johntess, Triq Mgarr, Ghajnsielem, Ghawdex. Iddikjara li d-dar inbniet fuq art appartenenti lill-

[1] Fol. 80.

komunjoni tal-akkwisti, u li ibnu kien kompla bil-bini tad-dar.

- Tomna raba' imsejha ta' Lelluxa.

e. Prelegat lil Carmelo u John ahwa Attard –

- 38 u 40, Race Course Street, Xewkija, Ghawdex.

f. Prelegat lil Joseph Attard –

- 53, 55, u 57, Race Course Street, Xewkija, Ghawdex. Iddikjara li jaf li d-dar m'hijiex kollha tieghu u kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.
- L-ghodda tar-raba' kollha.

g. Prelegat lil Carmelo Attard –

- Dar fi Triq 31 ta' Marzu, Tac-Cawla, Victoria, Ghawdex.
- Porzjon indiviza ta' art Tac-Cawla qrib l-istess dar.
- Porzjon raba' tal-kejl ta' 187 metri kwadri msejha ta' Wezwez, Triq tal-Ghajn, Rabat, Ghawdex.

Iddikjara li jaf li dawn il-beni kienu kollha jappartjenu lil martu.

h. Prelegat lil John, Carmel u Joseph ahwa Attard –

- Terran fi Triq id-Duluri, Marsalforn, Ghawdex mikri lil George Said li ddikjara li jappartjeni lill-wirt ta' martu.

i. Prelegat lil John u Carmel –

- Is-sehem indiviz li jappartjeni lill-wirt ta' martu miz-zewgt idjar li jinsabu fi Triq il-Funtana, Fontana, Ghawdex.

j. Werrieta ta' Francis Attard.

- Bhala eredi nnomina lill-hames uliedu fi kwoti ndaqs bejniethom.

**<u>Testment tad-29 ta' Novembru 2002 atti nutar Dr Paul George Pisani</u>** (fol. 32).

Ikkonferma t-testment li ghamel fit-22 ta' Settembru 1983 u ddikjara li *"… jhassar kwalunkwe testment iehor li seta' ghamel sussegwenti ghall-imsemmi testment, u jrid li s-successjoni futura tieghu tigi regolata bil-precitat testment in aggunta u sakemm kompatibbli ma' dan tal-lum."* .

Fit-tielet Artikolu ordna:

*"Irid u jordna illi jekk xi hadd minn uliedhu ma joqghodx ghad-disposizzjonijiet testamentarji tieghu kemm prezenti kif ukoll dawk kontenuti fit-testment precitat, huwa/hija ghandu jiddekadi minn kull beneficcju lilu mholli u jiehu biss il-legittima spettanti bil-Ligi."*.

4. L-assi jinqasmu f'parafernali ta' Dolores Attard u tal-komunjoni tal-akkwisti:-

**Assi parafernali ta' Dolores Attard**[2]:-

i. Art li fuqha nbniet id-dar Dorchant, Triq 31 ta' Marzu, Victoria.
ii. 7, Triq il-Wied, Marsalforn.
iii. Art li fuqha nbnew l-appartamenti Dolores Court, Triq id-Duluri, Marsalforn.
iv. Raba' fi sqaq numru 4, Triq tal-Ghajn, Fontana.
v. Raba' maghrufa bhala ta' Dun Luqa, Sannat.

**Assi tal-komunjoni tal-akkwisti**[3]:-

vi. 62, Triq San Bert, Xewkija.
vii. 42, Triq l-Indipendenza, Xewkija.
viii. Art imsejha Il-Bitha, fi Triq l-Indipendenza, Xewkija.
ix. Fond fi Triq l-Indipendenza, Xewkija.
x. 22, St. Joseph, Triq l-Indipendenza, Xewkija.
xi. Art fi Triq l-Indipendenza (Ta' Gwannija), Xewkija.
xii. Jontess House, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem.
xiii. Art ta' Lelluxa, Triq Mgarr, Ghajnsielem.

---

[2] Ara verbal li sar quddiem il-perit gudizzjarji fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2008.
[3] Ara verbal li sar quddiem il-perit gudizzjarji fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2008.

L-attur f'nota li pprezenta fis-6 ta' Lulju 2007 (fol. 75) iddikjara li qieghed jokkupa l-fond Dorchant, Triq 31 ta' Marzu, Victoria u appartament numru 2, Dolores Court, Trid id-Duluri, Marsalforn li skond hu nbena *".... minn tlett ahwa u cioe' Carmel, John u Joseph wara l-mewt ta' ommhom izda waqt il-hajja tal-missier."*.

5. **Wirt tal-omm Dolores Attard** - Ghal dak li hu l-wirt tal-omm, m'hemmx dubju li l-kontendenti ghandhom parti minn hamsa (1/5) mill-wirt, gialadarba Dolores Attard mietet bla testment. Skond l-istimi li ghamel il-perit tekniku, il-valur tal-assi tal-wirt ta' Dolores Attard hu ta' **€3,020,000** (fol. 204). Dan ifisser li kull wiehed mill-kontendenti ghandu jircievi **€604,000** mill-wirt tal-omm.

6. Il-periti gudizzjarji pproponew li s-sehem tal-attur minn dan il-wirt ghandu jittiehed:-

i. Il-fond Dorchant, Triq 31 ta' Marzu 1979, Victoria €520,000;
ii. Appartament fl-ewwel sular tal-blokk 25, Dolores Court, Triq id-Duluri, Marsalforn li jinsab fil-pussess tieghu €70,000 ;
iii. Raba' fi Sqaq numru 4, Triq il-Ghajn, Fontana €6,000;
iv. Raba' ta' Dun Luqa, Sannat, €8,000.

Madankollu skond il-perit legali l-ebda sehem mhu dovut lill-werrieta l-ohra ghaliex *".... l-intimati Attard accettaw l-eredita' ta' missierhom huma m'humiex aktar f'posizzjoni li jitolbu l-likwidazzjoni tas-sehem indiviz ta' wiehed minn hamsa (1/5) kull wiehed f'dawk l-assi ta' Dolores Attard li kienu s-suggett ta' prelegat da parti ta' missierhom Francis Attard."*. Il-qorti ma taqbilx ma' din il-fehma. Bhala werrieta ta' ommhom il-konvenuti xorta ghandhom il-jedd li jircievu sehem mill-wirt tal-omm irrispettivament ta' x'ordna missierhom fit-testment li ghamel fit-22 ta' Settembru 1983, imbaghad wiehed irid jara x'ser jigri ladarba ssir il-qasma tal-wirt tal-missier. Meta testatur ihalli *legato di cosa altrui*, kif ghamel Francis Attard, il-werriet ghandu ghazla skond l-Artikolu 696 tal-Kodici

Civili[4]. Dan apparti l-fatt li hemm uhud mil-legati li halla Francis Attard li ma jiswewx in kwantu dawn jirreferu ghas-sehem ta' Dolores Attard, peress li naqas milli jiddikjara li *".... jaf li l-haga kienet ta' haddiehor u mhux tieghu."*. F'dan ir-rigward issir riferenza ghal:-

a. Prelegat lil Marisa Muscat tal-fond 42, Triq l-Indipendenza, Xewkija, Ghawdex;
b. Prelegat lil John Attard ta' tomna raba' maghrufa ta' Lelluxa, Triq Mgarr, Ghajnsielem;
c. Prelegat imholli lill-attur u John Attard tal-fond fi Triq l-Indipendenza, Xewkija.

Dan kien gid li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. L-Artikolu 698 jipprovdi: *"jekk it-testatur ikollu bicca mill-haga mhollija b'legat, jew jedd fuq dik il-haga, il-legat jiswa biss ghal dik il-bicca jew ghal dak il-jedd, kemm-il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga ma knitix tieghu kollha."*. Ghalhekk dawn il-legati huma validi biss fir-rigward tas-sehem li Francis Attard kellu f'kull wiehed minn dawn l-immobbli.

Il-qorti ser taghmel il-qasma bl-assenjazzjoni, mehud ukoll in konsiderazzjoni dak li jipprovdi t-testment li ghamel Francis Attard[5]:-

(a) Lil **Sika Attard** –

- Nofs il-fond 62, Triq San Bert, Xewkija..............€165,000
- Nofs l-art fi Triq l-Indipendenza, Xewkija………….€165,000
- Appt fl-ewwel sular tal-fond 7, Triq il-Wied Marsalforn…………………………………………………….. €110,000
- Appt fit-tielet sular tal-fond 7, Triq il-Wied, Marsalforn…………………………………………………….. €130,000

---

[4] *".... il-werriet jista' jaghzel jew li jakkwista l-haga mhollija b'legat sabiex ighaddiha lill-legatarju, jew li jhallas lill-legatarju l-valur gust taghha."*.
[5] Fejn jinghad li jigi assenjat in-nofs, dan ghandu jkun in-nofs indiviz.

**Total…………… €570,000**

(b) Lil **Maria Muscat** –

- Appt fit-tieni sular tal-fond 7, Triq il-Wied, Marsalforn…………………………………………………€ 130,000
- Nofs il-fond 42, Triq l-Indipendenza, Xewkija……€152,000
- Nofs l-art ta' Gwannija, Xewkija........................€295,000

**Total................ €577,000**

(c) Lil **Joseph Attard** –

- Nofs il-fond 22, St. Joseph, Triq l-Indipendenza, Xewkija..........................................................€727,000

**Total................€727,000**

(d) Lil **John Attard** –

- Nofs il-fond Johntess, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem……………………………………………..€ 260,000
- Nofs il-fond fi Triq l-Indipendenza, Xewkija………. €95,000
- Nofs l-art ta' Lelluxa, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem.. €7,000
- Appartament fil-pjan terran u iehor fit-tieni sular u l-arja tal-blokk fi Triq Dolores Court, Triq id-Duluri, Marsalforn[6] u l-arja…………………..€180,000

[6] Dawn huma l-appartamenti

**Total...............€542,000**.

F'dawn ic-cirkostanzi peress li Joseph Attard ser ikun qieghed jircievi sehem b'valur ta' iktar minn €123,000 mis-somma ta' €604,000 li kull werriet ghandu jircievi mill-wirt ta' Dolores Attard, irid ihallas ekwiparazzjoni lil hutu **Sika Attard is-somma ta' €34,000**, **Maria Muscat is-somma ta' €27,000** u lil **John Attard €62,000**.

7. **<u>Wirt tal-missier Francis Attard</u>** – Dan il-wirt ma jistax jinqasam f'din il-kawza in kwantu t-talba saret mill-konvenuti, mhux inkluz John Attard li baqa' kontumaci, fil-konfront tal-attur li rrinunzja ghall-wirt tal-missier. Il-fatt li l-werrieta ta' Francis Attard huma kollha parti fil-kawza, ma jfisser xejn. Ir-rikonvenzjoni saret kontra l-attur u mhux il-konvenut John Attard li baqa' kontumaci ghat-talbiet tal-attur. L-istess japplika fir-rigward tat-talba ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija minn Francis Attard[7]. Ghalkemm fit-testment tad-29 ta' Novembru 2002 fl-atti tan-nutar Dr Paul George Pisani t-testatur iddispona li *"… jekk xi hadd minn uliedhu ma joqghodx ghad-disposizzjonijiet testamentarji tieghu kemm prezenti kif ukoll dawk kontenuti fit-testment precitat, huwa/hija ghandu jiddekadi minn kull beneficcju lilu mholli u jiehu biss il-legittima spettanti bil-Ligi."*, hi l-ligi li taghti l-jedd tal-ghazla lill-werriet. Fil-fehma tal-qorti jghid x'ighid it-testatur fit-testment, il-werriet ma jistax jigi mcahhad mill-jedd tal-ghazla f'kaz ta' legat ta' haga ta' haddiehor.

Fir-rapport jirrizulta li l-valur tal-assi ta' Francis Attard hu ta' **€1,866,000** fiz-zmien li saret l-istima mill-perit tekniku, u **€1,574,000** fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni. Il-qorti hi tal-fehma li gialadarba l-legittima hi sehem mill-beni tal-mejjet (Artikolu 615)[8], il-valur ghandu jkun dak l-iktar vicina ghas-sentenza. Peress li l-kontendenti huma hamest ahwa, is-sehem li hu dovut lill-attur bhala legittima mill-wirt ta' missieru hu ta' parti minn ghaxra (1/10). Il-qorti

[7] Talba numru tnejn tar-rikonvenzjoni.
[8] L-emendi introdotti bl-Att XVIII tal-2004 ma japplikax peress li Francis Attard miet fit-22 ta' Gunju 2004, meta l-emendi dwar il-legittima kienu ghadhom ma dahlux fis-sehh.

qeghda tifhem li Francis Attard iddispona mill-wirt kollu tieghu permezz ta' legati.

Fost l-immobbli li ddispona minnhom Francis Attard bit-testment li ghamel fl-1983, hemm:-

(a) **Fit-tieni Artikolu** – porzjon art ta' cirka zewg sighan fi Triq it-Tigrija, Xewkija imholli bi prelegat lil Ursola sive Sika Attard;
(b) **Fis-sitt Artikolu** – 38 u 40, Triq it-Tigrija, Xewkija imholli bi prelegat lill-attur u John Attard;
(c) **Fis-seba' Artikolu** – 53, 55, u 57, Triq it-Tigrija, Xewkija imholli bi prelegat lil Joseph Attard;

Il-qorti qeghda tifhem li fir-rapport tal-periti gudizzjarji dawn l-immobbli huma deskritti bhala:

(a) porzjon raba' maghrufa bhala tal-Bitha, Triq l-Indipendenza, Xewkija;
(b) Fond bla numru fi Triq l-Indipendenza, Xewkija;
(c) 22, St. Joseph, Triq l-Indipendenza, Xewkija;

Il-qorti tinnota li hadd mill-partijiet ma esprima xi oggezzjoni jew rizervi ghall-istima li saret mill-perit tekniku. Ghalhekk m'hijiex tal-fehma li *ex officio* ghandha taqla' kwistjonijiet dwar valur ta' bini li seta' sar minn xi whud mill-kontendenti.

Gialadarba mill-provi rrizulta li Francis Attard iddispona minn gidu kollu permezz ta' legati, m'hemmx dubju li japplika l-Artikolu 647 tal-Kodici Civili li jipprovdi: *"Id-disposizzjonijiet ta' testment, meta jaqbzu s-sehem li minnu seta' jaghmel it-testatur, ghandhom jitnaqqsu sa dak is-sehem, fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni...."*. F'dan il-kaz b'applikazzjoni tal-Artikolu 651 tal-Kodici Civili, it-tnaqqis isir *pro rata* bejn il-werrieta u l-legatarji.

L-attur m'huwiex jitlob li jinghata l-legat imholli lilu fis-Sitt Artikolu. Pero lanqas ma ghamel dikjarazzjoni li m'huwiex jaccetta l-legat. Dan il-legat ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-kalkolu tal-legittima minhabba dak li

jipprovdi l-Artikolu 938[9]. Ghalhekk is-sehem li halla t-testatur lill-attur fil-fond li jinsab fi Triq l-Indipendenza, Ghajnsielem irid jitnaqqas ghaliex ghandu *".... jqies bhala mehudin akkont tal-legittima tas-sehem tieghu, id-donazzjonijiet u l-legati maghmulin lilu, meta ma jkunx gie mehlus espressament minn dan."*[10]. Pero' t-tnaqqis irid ikun fir-rigward biss tas-sehem ta' kwart (1/4) peress li kif diga' rajna l-legat imholli fit-Tmien Artikolu hu validu biss ghas-sehem li kellu d-decujus fil-fond peress li ma ghamilx dikjarazzjoni fit-termini tal-Artikolu 698 tal-Kodici Civili.

Ghal dawk li huma legati li halla t-testatur, il-qorti taqbel mal-kalkoli li ghamlu l-periti gudizzjarji (ara fol. 219-220). F'dan ir-rigward:

(i) Sika Attard trid thallas €25,242.23[11];
(ii) Marisa Muscat trid thallas €34,191.75;
(iii) Joseph Attard irid ihallas €55,609.40;
(iv) John Attard irid ihallas €24,056.61.

Il-perit tekniku kkonferma li m'huwiex possibbli li mil-legati mhollija lil dawn il-konvenuti, l-attur jircievi sehemu in

---

[9] L-Artikolu 620(4) tal-Kodici Civili jipprovdi: *"Dak li jmissu l-legittima ghandu jaqta' minnha dak kollu li jkun ha minghand it-testatur u li jkun suggett ghall-kollazzjoni taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 913 sad-938."*.

[10] Il-perit legali ghandu ragun meta ddikjara li l-legat imholli minn Francis Attard fit-tmien Artikolu m'ghandux jitqies peress li fid-data tal-mewt tieghu, l-immobbli li jissemmew f'dan l-Artikolu kienu diga' saru proprjeta tal-attur (ara Artikolu 702 tal-Kodici Civili).

[11] Il-qorti ma tqiesx li ghandha toqghod tidhol fil-kwistjoni trattata fil-gurisprudenza dwar jekk ghandux ikun hemm riduzzjoni tal-legat imholli lil Ursola Attard permezz tal-Ewwel Artikolu tat-testment tat-22 ta' Settembru 1983 fejn t-testatur iddikjara li qieghed ihalli l-legat sabiex jikkumpensa lil bintu *"tal-kuri, assistenza u servigi li hi pprestat lit-testatur u lil mejta martu u l-ghad trid tibqa' tipprestalu."*. Min-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-konvenuti, fosthom Ursola Attard, hu evidenti li m'hijiex tippretendi li l-immobbli li jissemmew fl-Ewwel Artikolu tat-testment tat-22 ta' Settembru 1983 m'ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni fl-ezercizzju ta' riduzzjoni tad-disposizzjonijiet tat-testment. Sahansitra flimkien ma' hutha, Marisa Muscat u Joseph Attard, Attard iddikjarat li m'hemmx djun (fol. 277). Ma tressqu l-ebda prova dwar x'tip ta' ghajnuna nghatat lit-testatur u l-entita' taghhom. Is-sitwazzjoni tkompli tikkomplika ruhha peress li t-testatur iddikjara li l-legat kien qieghed jithalla wkoll bhala kumpens ghall-ghajnuna li Ursola Attard tat lil martu u kumpens ghall-ghajnuna li kien ghad fadlilha taghti lit-testatur. Mill-provi lanqas ma rrizulta jekk tali ghajnuna baqghetx tinghata lil Francis Attard sakemm miet.

natura peress li l-proprjeta m'hijiex kommodament divizibbli.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1.Tiddikjara li l-gid ta' Francis u Dolores konjugi Attard jikkonsisti fil-beni elenkati fil-paragrafu numru erbgha (4) ta' din is-sentenza.**

**2. Fir-rigward tal-wirt ta' Dolores Attard tassenja lil kull wiehed mill-kondividenti l-immobbli elenkati fil-paragrafu numru hamsa (5) ta' din is-sentenza, u tikkundanna lil Joseph Attard ihallas ekwiparazzjoni lil hutu Sika Attard is-somma ta' erbgha u tletin elf ewro (€34,000), Maria Muscat is-somma ta' sebgha u ghoxrin elf ewro (€27,000) u lil John Attard tnejn u sittin elf ewro (€62,000).**

**3. Ghal dak li jikkoncerna l-legittima mill-wirt ta' Francis Attard hu dovut lill-attur:**

**i. Tiddikjara li l-attur ghandu sehem ta' parti minn erbgha (4) mill-fond fi Triq l-Indipendenza, Xewkija[12].**
**ii. Billi s-sehem li jrid jinghata lill-attur ma jistax jinfired mill-kumplament tal-oggett bla xkiel u hsara u gaialadarba l-konvenuti Sika Attard, Marisa Muscat u Joseph Attard diga' ddikjaraw li jaghzlu li jhallsu fi flus dak li jridu jaghtu lill-attur[13], dawn il-konvenuti qeghdin jigu kkundannati jhallsu lill-attur:-**
**(a) Sika Attard is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf mitejn u tnejn u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€25,242.23);**
**(b) Marisa Muscat is-somma ta' erbgha u tletin elf mija u wiehed u disghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€34,191.75);**

---

[12] Fir-rapport tal-periti gudizzjarji deskritt bhala proprjeta numru erbgha (4) [ara fol. 184].
[13] Ara l-Artikolu 653 tal-Kodici Civili. Ara wkoll dak li ddikjaraw dawn il-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fil-15 ta' Lulju 2010 fil-parti ntestata "*Re tnaqqis mill-ammont tal-legittima.*" (fol. 277).

**(c) Joseph Attard is-somma ta' hamsa u hamsin elf sitt mija u disa' ewro u erbghin centezmu (€55,609.40);**

**iii. Fir-rigward ta' John Attard irid jaghti lil Carmel Attard porzjon ta' 17.29% tal-legati mhollija lilu mill-wirt ta' Francis Attard, fir-rigward tal-immobbli li huma proprjeta' tieghu, jew alternattivament ihallas lill-attur is-somma ta' erbgha u ghoxrin elf u sitta u hamsin ewro u wiehed u sittin centezmu (€24,056.61).**

**4. Tinnomina lin-nutar Dr Anna Maria Mizzi sabiex tippubblika l-att relattiv[14] fit-tletin (30) ta' April, 2012 fil-bini tal-qorti u lill-avukat Dr Simone Grech bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci.**

**5.Tiddikjara li m'hemmx htiega li tinghata xi dikjarazzjoni li t-testmenti ta' Francis Attard li saru fit-22 ta' Settembru 1983 u 29 ta' Novembru 2002 huma validi peress li hadd minn uliedu ma kkontesta l-validita' taghhom. Spejjez tal-ewwel talba tar-rikonvenzjoni a karigu tal-konvenuti li ghamlu t-talba.**

**6. Tastjeni milli tiddeciedi dwar it-talba li saret fir-rikonvenzjoni ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati li saru bit-testment li ghamel Francis Attard fit-22 ta' Settembru 1983 peress li r-rikonvenzjoni saret fil-konfront tal-attur. Spejjez tat-tieni talba tar-rikonvenzjoni a karigu tal-konvenuti li ghamlu t-talba.**

**7. Ghar-raguni moghtija hawn fuq tastjeni milli tqies it-talba ghall-qasma tal-wirt ta' Francis Attard. Spejjez tas-seba' talba a karigu tal-konvenuti li ghamlu t-talba.**

**Salv ghal dak li nghad hawn fuq, spejjez relatati mal-qasma tal-wirt ta' Dolores Attard ghandhom jinqasmu f'sehem ta' parti minn hamsa (1/5) a karigu ta' kull wiehed mill-partijiet. Spejjez relatati mal-hlas tal-legittima jkunu a karigu tal-konvenuti bhala l-werrieta ta' Francis Attard. Spejjez tar-rapport ghandhom**

[14] Dan b'riferenza ghall-wirt ta' Dolores Attard u wkoll hlas tal-legittima.

**jinqasmu in kwantu ghal nofs l-ammont f'sehem ugwali bejn il-kontendenti, u n-nofs l-iehor ikun a karigu tal-konvenuti f'sehem ugwali bejniethom.**

**Peress li r-rikors guramentat ma fihx talba ghall-hlas ta' imghax, kwalsiasi mghax ikun dovut mil-lum fir-rigward ta' dawk il-konvenuti li ser ikunu qeghdin ihallsu bi flus.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------